**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL INTERMEDJU**
**MEJJU 2016**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | l-1 ta' April 2016 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

## Nota għall-Eżaminaturi

L-oral għandu jieħu forma ta' **diskussjoni** ta' **għaxar minuti** bejn l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi u l-kandidat/a li jinkludi minuta biex l-istudenti jaħsbu fuq it-tema.

Il-kandidati jingħataw tliet temi għad-diskussjoni fuq karti wiċċhom 'l isfel u jagħżlu waħda minnhom quddiem l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi biex jitkellmu dwarha. Id-diskussjoni għandha turi l-ħila tal-kandidati fil-komunikazzjoni u fl-użu tajjeb tal-Malti. F'każ li l-kandidati ma jkunux jafu x'se jaqbdu jgħidu, l-eżaminaturi għandhom jgħinuhom jesprimu ruħhom fil-firxa tal-argumenti billi jistaqsuhom xi mistoqsijiet biex iħeġġuhom ikomplu jiddiskutu s-suġġett. F'dan il-proċess l-eżaminaturi għandhom joqogħdu attenti biex jitkellmu mill-inqas.

Bħala għajnuna, ma' kull tema qegħdin jingħataw xi punti għad-diskussjoni. Dawn huma maħsubin bħala gwida għall-eżaminaturi biss u għalhekk l-eżaminaturi jistgħu jvarjaw kemm iridu billi jżidu u jnaqqsu kemm jogħġobhom, u jibdew minn fejn iridu.

Il-marka tal-oral hija 10% tal-marka globali.

L-eżaminaturi għandhom jibbażaw il-marka tagħhom fuq:

a. **L-Iżvilupp tal-Ħsieb u r-Relevanza Tematika** (4 marki)

   - l-irbit bejn idea u oħra
   - il-loġika tal-ħsibijiet
   - ir-relevanza ta' kull opinjoni għas-suġġett

   **N.B.:** L-eżaminaturi m'għandhomx jiġġudikaw l-opinjonijiet infushom tal-kandidati.

b. **L-Espressjoni** (6 marki)

   - l-użu ta' Malti idjomatiku
   - l-użu ta' vokabularju wiesa'
   - iċ-ċarezza f'li jingħad mingħajr interferenza

It-tliet karti b'tema fuq kull waħda jitqiegħdu wiċċhom 'l isfel u l-istudenti jagħżlu karta waħda. Kull darba titbiddel il-pożizzjoni tal-karti.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**GĦALL-EŻAMINATURI BISS**

## Hemm Inqas Nisa milli Rġiel fid-Dinja tax-Xogħol

- Skont studju reċenti, kważi 50% tan-nisa Maltin joħorġu jaħdmu, 25% inqas mill-irġiel.
- Għaliex hemm differenza daqstant kbira bejn l-għadd ta' nisa u rġiel li joħorġu jaħdmu?
- Fl-istess ħin, f'Malta, in-numru ta' nisa li qed joħorġu jaħdmu qed jikber. Fl-2014 ħarġu jaħdmu kważi 7% aktar nisa mis-sena ta' qabel.
- Minħabba bidliet fid-dinja tax-xogħol u fis-soċjetà inġenerali, iktar nisa Maltin se joħorġu jaħdmu fl-2016.
- Hemm ċentri li qed jieħdu ħsieb it-tfal b'xejn waqt li l-ġenituri jkunu x-xogħol.
- Hemm skema biex it-tfal jibqgħu l-iskola wara li jispiċċaw il-lezzjonijiet normali, sakemm il-ġenituri jispiċċaw mix-xogħol.
- Fl-istess ħin, iktar irġiel qed jieqfu mix-xogħol għal xi żmien biex irabbu 'l uliedhom.
- Taħseb li r-responsabilitajiet tal-familja li tradizzjonalment jaqgħu fuq spallejn il-mara qed jinqasmu iżjed bejn in-nisa u l-irġiel?
- Hemm affarijiet fil-familja li n-nisa normalment ma jagħmlux?
- Hemm affarijiet fil-familja li l-irġiel normalment ma jagħmlux?
- Taħseb li l-fatt li hawn iktar familji b'missier jew omm biss jaffettwa, peress li tista' tgħid li jkollhom joħorġu jaħdmu bilfors?
- Minbarra l-bidliet fis-servizzi ta' ħarsien tat-tfal, hemm raġunijiet oħrajn għaliex iktar nisa qed joħorġu jaħdmu?
- Waħda mir-raġunijiet hi li x-xogħol jagħti ċerta indipendenza lill-persuna, kemm minħabba l-paga kif ukoll minħabba r-rwol "pubbliku" li jkollha barra mid-dar.
- Jista' jkun li għad hemm ħafna inqas nisa milli rġiel fid-dinja tax-xogħol għax is-soċjetà Maltija għadha patrijarkali?

## Il-Fissazzjoni bl-Irquqija

- Fi Franza għaddew liġi li l-mudelli jrid ikollhom ċertifikat mingħand tabib jew tabiba li huma f'saħħithom. Dan iċ-ċertifikat huwa bbażat fuq dak li jissejjaħ il-"*body mass index*" (BMI), kalkolu tax-xaħam fil-ġisem skont it-tul u l-piż tal-persuna. Dan għamluh għax hemm għadd ta' mudelli li huma rqaq wisq.
- Għaliex fost il-mudelli teżisti ċerta fissazzjoni bl-irquqija fil-kultura tal-Punent?
- Il-fissazzjoni bid-dehra tagħna; in-narċisiżmu.
- Kemm taħseb li n-nies komuni huma influwenzati minn dawn il-mudelli li wħud minnhom (jew ħafna minnhom?) huma rqaq wisq?
- Fil-pajjiżi hekk imsejħa sinjuri, hemm ħafna nies li għandhom piż żejjed. Din kontradizzjoni?
- L-irquqija żejda teżisti fost in-nisa biss? Il-maċiżmu; il-muskoli.
- Fil-kultura tagħna ħafna drabi nidentifikaw is-sbuħija mal-irquqija. F'kulturi oħrajn jagħmlu l-istess?
- Teżisti industrija sħiħa marbuta mal-irquqija: kumpanniji li joffru li jraqqu lin-nies b'kull mezz possibbli, gyms, dieti, prodotti tal-ikel...
- Il-problemi serji tal-anoressija u l-bulimja: kif tinduna bihom dawn is-sitwazzjonijiet?
- Kif tista' tgħin lil dawk li jkunu qed ibatu minn dawn il-kundizzjonijiet?
- Ma teżistix interpretazzjoni waħda ta' x'inhi "rqiq" jew "magħlub". Kulħadd għandu l-fehma tiegħu.

## Il-Ġenituri u s-Swat tat-Tfal

- Hemm min jaħseb li kull tant żmien it-tfal ikollhom bżonn xebgħa għax inkella ma jitgħallmux.
- Il-ġenituri għandhom dritt isawtu lit-tfal?
- Taħseb li s-swat tat-tfal huwa komuni f'Malta?
- Il-ġenituri jgħidu li jsawtu lit-tfal biex jikkoreġuhom. Tista' ssemmi modi oħrajn kif tista' tikkoreġi lit-tfal mingħajr ma ssawwathom?
- Jekk omm jew missier jibagħtu lil tifla jew tifel tagħhom f'kamra waħedhom fid-dlam bħala kastig, dak tqisu bħala moħqrija, anki jekk mhuwiex swat?
- Taħseb li s-swat, anki bħala miżura ta' dixxiplina, jista' joħloq kultura ta' vjolenza fid-dar kemm bejn it-tfal u kemm bejn il-ġenituri?
- Kieku inti x'tagħmel jekk xi ħadd jistqarr miegħek li qed isawtuh, jew jabbużaw minnu?
- X'tagħmel jekk tara lil omm jew missier isawtu lil uliedhom fil-pubbliku?
- Illum it-tfal huma konxji tad-drittijiet tagħhom iktar minn qatt qabel.
- Taħseb li s-swat iżid jew inaqqas ir-rispett tat-tfal lejn il-kbar?
- Taħseb li s-swat "għal skop tajjeb" huwa xorta waħda każ ta' bbuljar fuq id-dgħajfa?

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA
LIVELL INTERMEDJU
MEJJU 2016

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | l-1 ta' April 2016 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

**(10 marki)**

## GĦALL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

# Hemm Inqas Nisa milli Rġiel fid-Dinja tax-Xogħol

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

IM22o1k.16m

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA
LIVELL INTERMEDJU
MEJJU 2016

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | l-1 ta' April 2016 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

**(10 marki)**

## GĦALL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

# Il-Fissazzjoni bl-Irquqija

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA
LIVELL INTERMEDJU
MEJJU 2016

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | l-1 ta' April 2016 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

**(10 marki)**

## GĦALL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

# Il-Ġenituri u s-Swat tat-Tfal

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL INTERMEDJU**
**MEJJU 2016**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 4 ta' April 2016 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

## Nota għall-Eżaminaturi

L-oral għandu jieħu forma ta' **diskussjoni** ta' **għaxar minuti** bejn l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi u l-kandidat/a li jinkludi minuta biex l-istudenti jaħsbu fuq it-tema.

Il-kandidati jingħataw tliet temi għad-diskussjoni fuq karti wiċċhom 'l isfel u jagħżlu waħda minnhom quddiem l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi biex jitkellmu dwarha. Id-diskussjoni għandha turi l-ħila tal-kandidati fil-komunikazzjoni u fl-użu tajjeb tal-Malti. F'każ li l-kandidati ma jkunux jafu x'se jaqbdu jgħidu, l-eżaminaturi għandhom jgħinuhom jesprimu ruħhom fil-firxa tal-argumenti billi jistaqsuhom xi mistoqsijiet biex iħeġġuhom ikomplu jiddiskutu s-suġġett. F'dan il-proċess l-eżaminaturi għandhom joqogħdu attenti biex jitkellmu mill-inqas.

Bħala għajnuna, ma' kull tema qegħdin jingħataw xi punti għad-diskussjoni. Dawn huma maħsubin bħala gwida għall-eżaminaturi biss u għalhekk l-eżaminaturi jistgħu jvarjaw kemm iridu billi jżidu u jnaqqsu kemm jogħġobhom, u jibdew minn fejn iridu.

Il-marka tal-oral hija 10% tal-marka globali.

L-eżaminaturi għandhom jibbażaw il-marka tagħhom fuq:

a. **L-Iżvilupp tal-Ħsieb u r-Relevanza Tematika** (4 marki)

- l-irbit bejn idea u oħra
- il-loġika tal-ħsibijiet
- ir-relevanza ta' kull opinjoni għas-suġġett

**N.B.:** L-eżaminaturi m'għandhomx jiġġudikaw l-opinjonijiet infushom tal-kandidati.

b. **L-Espressjoni** (6 marki)

- l-użu ta' Malti idjomatiku
- l-użu ta' vokabularju wiesa'
- iċ-ċarezza f'li jingħad mingħajr interferenza

It-tliet karti b'tema fuq kull waħda jitqiegħdu wiċċhom 'l isfel u l-istudenti jagħżlu karta waħda. Kull darba titbiddel il-pożizzjoni tal-karti.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**GĦALL-EŻAMINATURI BISS**

## Ir-Roti fit-Toroq

- Il-periklu tar-roti fit-toroq.
- It-toroq tagħna huma kbar biżżejjed biex ikun hemm post għall-karozzi u għar-roti?
- Is-sewqan tar-roti huwa tajjeb ħafna għas-saħħa minħabba l-eżerċizzju.
- Taħseb li ċ-ċokon ta' pajjiżna huwa ideali biex in-nies jivvjaġġaw bir-rota?
- Ix-xhur tas-sħana jnaffru lin-nies milli jużaw ir-roti.
- Taħseb li teżisti "kultura tar-roti" f'pajjiżna, biex ngħidu hekk? X'nistgħu nagħmlu biex noħolqu din il-kultura, jew biex insaħħuha?
- Jekk ħafna nies huma ffissati fuq id-dehra tagħhom, fuq l-irquqija, tassumi li r-rota jfittxuha fil-ħajja ta' kuljum...
- Minħabba l-problemi kbar tat-traffiku, taħseb li s-sewqan tar-roti se jsir aktar popolari?
- Vantaġġ kbir ieħor tar-roti huwa li m'għandhomx impatt negattiv fuq l-arja. Huma tajbin għall-ġisem u tajbin għall-ambjent.
- Min għandu jkollu d-dritta meta jiltaqgħu rota u karozza?
- Taħseb li biex jiżdiedu r-roti fit-toroq hemm bżonn li l-Gvern jintroduċi miżuri drastiċi? X'tissuġġerixxi? Kemm huma prattikabbli dawn il-miżuri?
- Taħseb li biex issuq rota fit-triq għandek tagħmel xi tip ta' kors jew eżami, jew iġġib liċenzja? (Kors bħal dan jista' jsir waqt li tkun l-iskola.) Jew dawn jgħoddu biss għall-karozzi u għall-muturi?
- Fit-toroq u f'postijiet pubbliċi żdiedu l-"ħoloq", biex insejħulhom hekk, fejn tista' torbot ir-rota.

## Il-Kultura tas-Self

- Taħseb li teżisti kultura ta' self u li din il-kultura qed tinfirex aktar minn qatt qabel?
- Self mill-bank, self mingħand tal-familja, self minn fuq l-idejn.
- Sikwit mill-Qorti nisimgħu aħbarijiet dwar każijiet ta' użura. Ġieli smajt b'każijiet bħal dawn?
- X'inhuma l-problemi ewlenin marbutin mal-użura? Imgħaxijiet għoljin wisq, ansjetà kbira, it-theddida ta' vjolenza...
- Għaliex jissellfu l-flus in-nies? Djar, negozju, karozzi, safar, rigali għat-tfal jew għall-maħbubin, kapriċċi, logħob tal-ażżard...
- Taħseb li din il-kultura ta' self hija marbuta mal-konsumiżmu, jew mal-konsumiżmu sfrenat?
- Waħda mill-problemi tista' tkun li m'għandniex biżżejjed dixxiplina fuqna nfusna fejn jidħol ix-xiri. Is-soċjetà ġġenninna biex nixtru, biex ikollna, biex nikkunsmaw...
- Jista' jkun hemm min jissellef il-flus minħabba li jkollu l-mard fil-familja u l-kura tkun għalja ħafna għall-but tiegħu?
- Is-self kif jaffettwa l-ħajja ta' min ikun irid iħallas lura l-flus li jkun issellef? Toħloq ħafna ansjetà? Ikun hemm min jissellef kemm jissellef ma jagħtix kas?
- L-effett fuq ħaddieħor: il-familja, l-ulied, il-werrieta...
- Il-penali għall-użura għandhom jiżdiedu?

**In-Nuqqas ta' Xita**

- Din is-sena l-għejjer Maltin ftit li xejn raw xita.
- X'inhuma l-konsegwenzi li jkollha xitwa bħal din mingħajr xita?
- Fuq l-ilma tal-pjan u fuq il-kampanja Maltija b'mod ġenerali.
- Fuq l-uċuħ tar-raba' u fuq il-bdiewa. Spiża ikbar; iktar xogħol biex isaqqu.
- Fuq il-konsumaturi tal-ħaxix u l-frott f'Malta.
- X'inhuma r-raġunijiet ta' din in-nixfa? It-tibdil fil-klima? Jew dan huwa sempliċiment ċiklu naturali? Kultant tiġi sena xotta mix-xita.
- Meta x-xitwa tkun "mansa" daqskemm kienet din is-sena, b'temperaturi għoljin u nuqqas ta' xita, jiġri li jkun hemm iktar mard fl-uċuħ tar-raba' għax it-temp ma jkunx qed jirrispetta ċ-ċiklu naturali tal-istaġuni tas-sena.
- In-nuqqas ta' xita jfisser ukoll li Malta trid tippompja iżjed ilma mill-baħar u tbiddlu f'ilma ħelu. Dan huwa proċess għali għax jaħli ħafna elettriku u għalhekk għandu wkoll impatt negattiv fuq l-ambjent.
- Hemm konsegwenzi pożittivi meta jkollna xitwa xotta bħalma kienet din?
- Isma' dan il-qawl: "Meta ma jkollniex ilma, nixorbu l-ilma; meta jkollna l-ilma, nixorbu l-inbid."

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL INTERMEDJU**
**MEJJU 2016**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 4 ta' April 2016 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

**(10 marki)**

## GĦALL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

# Ir-Roti fit-Toroq

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**IM22o2k.16m**

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL INTERMEDJU**
**MEJJU 2016**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 4 ta' April 2016 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

**(10 marki)**

## GĦALL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

# Il-Kultura tas-Self

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

IM22o2k.16m

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL INTERMEDJU**
**MEJJU 2016**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 4 ta' April 2016 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

**(10 marki)**

## GĦALL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

# In-Nuqqas ta' Xita

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA
LIVELL INTERMEDJU
MEJJU 2016

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 5 ta' April 2016 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

## Nota għall-Eżaminaturi

L-oral għandu jieħu forma ta' **diskussjoni** ta' **għaxar minuti** bejn l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi u l-kandidat/a li jinkludi minuta biex l-istudenti jaħsbu fuq it-tema.

Il-kandidati jingħataw tliet temi għad-diskussjoni fuq karti wiċċhom 'l isfel u jagħżlu waħda minnhom quddiem l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi biex jitkellmu dwarha. Id-diskussjoni għandha turi l-ħila tal-kandidati fil-komunikazzjoni u fl-użu tajjeb tal-Malti. F'każ li l-kandidati ma jkunux jafu x'se jaqbdu jgħidu, l-eżaminaturi għandhom jgħinuhom jesprimu ruħhom fil-firxa tal-argumenti billi jistaqsuhom xi mistoqsijiet biex iħeġġuhom ikomplu jiddiskutu s-suġġett. F'dan il-proċess l-eżaminaturi għandhom joqogħdu attenti biex jitkellmu mill-inqas.

Bħala għajnuna, ma' kull tema qegħdin jingħataw xi punti għad-diskussjoni. Dawn huma maħsubin bħala gwida għall-eżaminaturi biss u għalhekk l-eżaminaturi jistgħu jvarjaw kemm iridu billi jżidu u jnaqqsu kemm jogħġobhom, u jibdew minn fejn iridu.

Il-marka tal-oral hija 10% tal-marka globali.

L-eżaminaturi għandhom jibbażaw il-marka tagħhom fuq:

a. **L-Iżvilupp tal-Ħsieb u r-Relevanza Tematika** (4 marki)

- l-irbit bejn idea u oħra
- il-loġika tal-ħsibijiet
- ir-relevanza ta' kull opinjoni għas-suġġett

**N.B.:** L-eżaminaturi m'għandhomx jiġġudikaw l-opinjonijiet infushom tal-kandidati.

b. **L-Espressjoni** (6 marki)

- l-użu ta' Malti idjomatiku
- l-użu ta' vokabularju wiesa'
- iċ-ċarezza f'li jingħad mingħajr interferenza

It-tliet karti b'tema fuq kull waħda jitqiegħdu wiċċhom 'l isfel u l-istudenti jagħżlu karta waħda. Kull darba titbiddel il-pożizzjoni tal-karti.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

GĦALL-EŻAMINATURI BISS

## Barranin f'Malta li Ma Jafux bil-Malti

- Taħseb li hawn ħafna barranin f'Malta li ma jafux bil-Malti? Taħseb li din hija problema?
- Jekk ikunu jafu bl-Ingliż biżżejjed biex jintegraw fis-soċjetà Maltija?
- Dawk il-barranin li jkunu jridu jieħdu ċ-ċittadinanza Maltija jew ir-residenza jridu jistudjaw il-Malti u jgħaddu mill-eżamijiet. Taqbel?
- Jista' jkun li bl-Ingliż ikunu jistgħu jikkomunikaw mal-Maltin imma jibqgħu jitqiesu "iktar" barranin għax ma jkunux jafu bil-Malti?
- Hemm oqsma tal-ħajja Maltija li l-barranin ikunu maqtugħin minnhom jekk ma jkunux jafu bil-Malti?
- Taħseb li hawn barranin jgħixu f'Malta li ma jridux jitgħallmu l-Malti? Jekk iva, għaliex? Għax ma jarawhx importanti jew għax isibuh diffiċli wisq?
- Aktarx li parti sew mill-barranin f'Malta li ma jafux bil-Malti jaħdmu hawnhekk. Il-fatt li ma jafux bil-Malti kif jista' jaffettwa x-xogħol tagħhom?
- Kif jaffettwa lill-ħaddiema barranin, ngħidu aħna, li joffru kura, bħal tobba, infermiera, assistenti tal-anzjani?
- Taħseb li huwa dritt tal-Maltin li jiġu indirizzati bil-Malti, speċjalment fejn jidħlu l-oqsma tas-servizzi, bħas-saħħa?
- Ħaddiema barranin bħal waiters u xufiera tal-karozzi tal-linja li jkollhom kuntatt kontinwu mal-pubbliku Malti, taħseb li jagħmlu sforz biex jitgħallmu l-lingwa? Jew jinqdew xorta bl-Ingliż?
- Dan l-aħħar, il-Ministeru tal-Edukazzjoni reġa' tkellem dwar dawk l-istudenti barranin (madwar tliet mija, jingħad) fl-iskejjel Maltin li la jafu bil-Malti u lanqas bl-Ingliż.
- Il-Maltin kemm jagħmlu sforz biex ikellmuhom bil-Malti lill-barranin?
- Taħseb li l-Maltin jippreferu li l-barranin ma jkunux jafu bil-Malti biex ikunu jistgħu jitkellmu fuqhom quddiemhom?

## X'qed Iseħħ fid-Dinja tad-Droga Legali u Illegali?

- Id-differenza bejn id-droga legali u illegali.
- Semmi ftit drogi illegali f'Malta u kkummenta fuqhom.
- Semmi ftit drogi legali f'Malta u kkummenta fuqhom.
- Tara differenzi importanti bejn id-drogi illegali u legali? Ngħidu aħna, il-konsumaturi għandhom iktar kontroll fuq kif jużaw id-drogi legali, bħal dawk li tixtri mill-ispiżerija? Għandhom iktar aċċess faċli għad-drogi legali?
- Taħseb li qed iseħħu bidliet fid-dinja tad-drogi illegali? X'tip ta' bidliet?
- Huwa faċli li ssibhom dawn id-drogi illegali? Uħud minnhom iktar faċli ssibhom minn oħrajn?
- Taħseb li qed iseħħu bidliet fid-dinja tad-drogi legali? X'tip ta' bidliet?
- Ċerti drogi legali, bħall-kalmanti, jeħtieġu l-kunsens tat-tobba. It-tobba taħseb li kollha joqogħdu attenti biżżejjed għall-abbuż li jsir minn ċerti pazjenti? Ir-responsabbiltà hija l-aktar (jew biss) tal-pazjenti?
- L-alkoħol tista' tqisu bħala droga?
- Is-sigaretti tista' tqishom bħala droga?
- Il-ħaxixa tqisha bħala droga? Jew tassoċjaha iktar mas-sigaretti?

## Is-Sigurtà fil-Postijiet tad-Divertiment

- Wara l-inċident li seħħ ftit taż-żmien ilu f'post tad-divertiment f'Paceville, l-awtoritajiet ħarġu b'sensiela ta' regoli ġodda. Smajt bihom? Taf x'jgħidu?
- Ħafna jgħidu li jrid ikun hemm inċident ikrah jew saħansitra traġedja biex tittieħed azzjoni fuq l-abbużi f'Malta. Veru?
- Fejn jidħlu l-liġijiet u r-regoli dwar is-saħħa u s-sigurtà fil-postijiet tad-divertiment u l-infurzar tagħhom, taħseb li Malta hija bħal pajjiżi Ewropej oħra?
- Hemm min jemmen li għalxejn ikollok il-liġijiet jekk in-nies komuni ma jobduhomx. Impossibbli li l-pulizija u l-awtoritajiet l-oħrajn jgħassu fuq kulħadd.
- Taħseb li wara l-għagħa li nqala', l-affarijiet bil-mod jerġgħu lura għal li kienu? Jew se jiġri bħaċ-ċinturin tas-sigurtà li jintlibes meta tkun f'vettura: il-miżura tiġi infurzata, tindara, u mbagħad issir parti mill-istil tal-ħajja tal-Maltin?
- X'inhuma l-perikli ewlenin fejn tidħol is-sigurtà fil-postijiet tad-divertiment?
- Dawn il-perikli qed jiżdiedu jew jonqsu?
- Taħseb li l-perikli fil-postijiet tad-divertiment diffiċli jonqsu minħabba t-taħlita ta' xorb u s-sens ta' avventura taż-żgħażagħ?
- Il-fatt li l-popolazzjoni f'Malta dejjem tikber u l-barranin li jżuru pajjiżna dejjem jiżdiedu qed ikabbar il-problemi?
- Problema oħra hija l-ġlied. Kif jista' jonqos il-ġlied fil-postijiet tad-divertiment?
- Għaliex ċerti nies jikluha ġlieda meta suppost ikunu ħarġu biex jieħdu gost?
- Il-mudell ta' mġiba li joffri Paceville, bin-nuqqas ta' dixxiplina tiegħu, taħseb li qed iħalli impatt fuq il-mudell tal-ħajja fil-bqija tas-soċjetà Maltija, ngħidu aħna, fuq ix-xogħol u fil-familja?

IM22o3k.16m

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL INTERMEDJU**
**MEJJU 2016**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 5 ta' April 2016 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

**(10 marki)**

## GĦALL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

# Barranin f'Malta li Ma Jafux bil-Malti

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

IM22o3k.16m

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA
LIVELL INTERMEDJU
MEJJU 2016

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 5 ta' April 2016 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

**(10 marki)**

## GĦALL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

# X'qed Iseħħ fid-Dinja tad-Droga Legali u Illegali?

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

IM22o3k.16m

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL INTERMEDJU**
**MEJJU 2016**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 5 ta' April 2016 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

**(10 marki)**

## GĦALL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

# Is-Sigurtà fil-Postijiet tad-Divertiment

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA
LIVELL INTERMEDJU
MEJJU 2016

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | IL-MALTI |
| KARTA: | L-ORAL |
| DATA: | 6 ta' April 2016 |
| ĦIN: | 10 minuti |

## Nota għall-Eżaminaturi

L-oral għandu jieħu forma ta' **diskussjoni** ta' **għaxar minuti** bejn l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi u l-kandidat/a li jinkludi minuta biex l-istudenti jaħsbu fuq it-tema.

Il-kandidati jingħataw tliet temi għad-diskussjoni fuq karti wiċċhom 'l isfel u jagħżlu waħda minnhom quddiem l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi biex jitkellmu dwarha. Id-diskussjoni għandha turi l-ħila tal-kandidati fil-komunikazzjoni u fl-użu tajjeb tal-Malti. F'każ li l-kandidati ma jkunux jafu x'se jaqbdu jgħidu, l-eżaminaturi għandhom jgħinuhom jesprimu ruħhom fil-firxa tal-argumenti billi jistaqsuhom xi mistoqsijiet biex iħeġġuhom ikomplu jiddiskutu s-suġġett. F'dan il-proċess l-eżaminaturi għandhom joqogħdu attenti biex jitkellmu mill-inqas.

Bħala għajnuna, ma' kull tema qegħdin jingħataw xi punti għad-diskussjoni. Dawn huma maħsubin bħala gwida għall-eżaminaturi biss u għalhekk l-eżaminaturi jistgħu jvarjaw kemm iridu billi jżidu u jnaqqsu kemm jogħġobhom, u jibdew minn fejn iridu.

Il-marka tal-oral hija 10% tal-marka globali.

L-eżaminaturi għandhom jibbażaw il-marka tagħhom fuq:

a. **L-Iżvilupp tal-Ħsieb u r-Relevanza Tematika** (4 marki)

- l-irbit bejn idea u oħra
- il-loġika tal-ħsibijiet
- ir-relevanza ta' kull opinjoni għas-suġġett

**N.B.:** L-eżaminaturi m'għandhomx jiġġudikaw l-opinjonijiet infushom tal-kandidati.

b. **L-Espressjoni** (6 marki)

- l-użu ta' Malti idjomatiku
- l-użu ta' vokabularju wiesa'
- iċ-ċarezza f'li jingħad mingħajr interferenza

It-tliet karti b'tema fuq kull waħda jitqiegħdu wiċċhom 'l isfel u l-istudenti jagħżlu karta waħda. Kull darba titbiddel il-pożizzjoni tal-karti.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## GĦALL-EŻAMINATURI BISS

### Il-Promozzjoni tat-Terroriżmu fil-Mezzi tax-Xandir

- Jekk titkellem fuq it-terroriżmu fuq il-mezzi tax-xandir tkun qed tagħtih iżjed importanza u prominenza?
- Il-mezzi tax-xandir qed jilagħbu l-logħba traġika tat-terroristi?
- Jistgħu jinjoraw dak li jkun ġara?
- Jekk ma tgħid xejn tkun qed tostor ir-realtà.
- Wieħed mill-prinċipji kardinali tal-mezzi tal-informazzjoni huwa l-libertà minn kull istituzzjoni oħra. Taħseb li l-għoti tal-informazzjoni għandu jiġi qabel kollox?
- Min-naħa l-oħra, taħseb li l-mezzi tax-xandir qed ibatu ftit mill-marda tas-sensazzjonaliżmu fejn jidħol it-terroriżmu?
- Minnu nnifsu t-terroriżmu jeħtieġ l-attenzjoni medjatika. Mingħajr il-mezzi tax-xandir li jxandru l-azzjoni tagħhom mal-erbat irjieħ, it-terroristi ma jkunux jistgħu jiżirgħu l-biża' u jħabbru l-poter malinn tagħhom.
- Uħud mill-mezzi ewlenin tax-xandir jagħżlu li jħabbru dak li jkunu għamlu t-terroristi imma ma jużawx lingwaġġ u ma jurux stampi u filmati li t-terroristi jqisuhom bħala rebħa tagħhom.
- Min-naħa l-oħra, it-terroristi qed jużaw l-internet b'mod li għalihom huwa effettiv ħafna. Hemm mod kif trażżan dan il-poter tat-terroristi permezz tal-informatika?
- L-individwi għandhom dritt ikunu infurmati? Għandhom dritt li ma jkunux allarmati għalxejn? Fejn taqa' l-firda bejn dawn iż-żewġ drittijiet?
- L-użu ta' filmati li jinġibdu, ħafna drabi kumbinazzjoni, min-nies komuni.

### Niżżewweġ? Ma Niżżewwiġx?

- X'inhu ż-żwieġ? Tinstema' mistoqsija żejda, imma mhijiex. Taqbel?
- L-istatistika turi li f'Malta kien hemm 1,458 żwieġ bil-Knisja s-sena l-oħra, żieda fuq tas-sena ta' qabel. Kont qed tistennieha din l-istatistika?
- Veru li aktar nies qed jistaqsu jekk għandhomx jiżżewġu jew le? Jekk iva, jidher li din hija kontradizzjoni.
- Xi nbidel fil-ħajja ta' kuljum jekk aktar nies qed jistaqsu għandhomx jingħaqdu fiż-żwieġ?
- Għal dawk li mhumiex miżżewġin: Kieku kellek tiżżewweġ, tagħżel li tiżżewweġ bil-Knisja jew biċ-ċivil?
- X'inhuma d-differenzi bejn dawn iż-żewġ tipi ta' żwieġ?
- X'inhuma l-vantaġġi li tiżżewweġ?
- X'inhuma l-vantaġġi li ma tiżżewwiġx?
- L-ispiża tat-tieġ. Piż żejjed?
- L-esibizzjoniżmu ta' tieġ kbir. Trid turi kemm tiflaħ, kemm inti tat-tajjeb? Jew xi ħaġa li ma tistax taħrab minnha?
- Separazzjoni, divorzju, annullament: x'inhi d-differenza bejniethom?

## Il-Mużika fuq Youtube, SoundCloud u Siti Oħrajn

- Ħafna nies illum jisimgħu (u jaraw) il-mużika fuq Youtube, Soundcloud u siti oħrajn.
- X'inhuma d-differenzi ewlenin bejn din l-esperjenza tal-mużika u l-mezzi tradizzjonali ta' kif tisma' l-mużika, bħar-radju, it-tape recorder, id-diski tal-*vinyl*, u l-jukebox?
- Għal dawk li għandhom ċerta età, id-drawwiet ta' kif jisimgħu u "jaraw" il-mużika nbidlu. X'effetti taħseb li kellu dan it-tibdil fuqhom?
- Illum għandna ferm iżjed sehem fl-għażla ta' dak li nisimgħu u naraw. U għandna iżjed minn fejn nagħżlu. Tgħid xorta nillimitaw ruħna għal għażla dejqa?
- Il-problema tal-piraterija tal-mużika. Huwa minnu li l-kumpanniji tad-diski qed jitilfu ħafna flus? U l-artisti qed jitilfu l-flus ukoll?
- "Il-piraterija" tista' tkun ta' vantaġġ għan-nies? Aċċess iktar faċli u demokratiku għall-mużika tal-preżent u tal-passat?
- Il-manija tal-verżjonijiet ġodda ta' diski stabbiliti, tal-"*cover versions*", taħseb li kibret bir-revoluzzjoni tal-internet?
- Hemm verżjonijiet mhux uffiċjali li kultant isiru popolari.
- Hemm skejjel, anki f'Malta, li jagħmlu videos tal-mużika popolari (bil-permessi meħtieġa).
- Barra minn hekk, huwa iktar faċli llum li l-udjenza tkanta mal-mużika magħrufa.
- Bidla kbira oħra seħħet għal dawk li joħolqu l-mużika: illum huwa iktar faċli li toħloq il-mużika u xxerridha fost in-nies permezz tal-internet. Għandna ċertu ħelsien mis-setgħa assoluta tad-djar tad-diski.
- Fl-istess ħin, kull ħmar jista' jimla l-Youtube jew SoundCloud bl-inħiq tiegħu... X'taħseb?

IM22o4k.16m

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL INTERMEDJU**
**MEJJU 2016**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 6 ta' April 2016 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

**(10 marki)**

## GĦALL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

# Il-Promozzjoni tat-Terroriżmu fil-Mezzi tax-Xandir

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

IM22o4k.16m

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL INTERMEDJU**
**MEJJU 2016**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 6 ta' April 2016 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

**(10 marki)**

## GĦALL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

# Il-Mużika fuq Youtube, SoundCloud u Siti Oħrajn

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

IM22o4k.16m

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL INTERMEDJU**
**MEJJU 2016**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 6 ta' April 2016 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

**(10 marki)**

## GĦALL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

# Niżżewweġ? Ma Niżżewwiġx?

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL INTERMEDJU**
**MEJJU 2016**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **DATA:** | 7 ta' Mejju 2016 |
| **ĦIN:** | mid-9:00 a.m. sa 12:05 p.m. |

Ikteb b'Malti tajjeb. L-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki. Wieġeb it-taqsimiet kollha.

## TAQSIMA A: KOMPONIMENT ĠENERALI

Agħżel suġġett u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma dwaru.

*30 marka*

1. L-allerġiji fi żmienna.
2. Id-dinja tat-tfal qed tinbidel.
3. L-istorbju.
4. Il-graffiti arti?
5. Refuġjati. Immigranti. Klandestini.
6. Fl-aħħar kollox beda jagħmel sens.

## TAQSIMA B: KOMPONIMENT FUQ IL-LINGWISTIKA

Wieġeb mistoqsija **waħda** biss. Importanti li ssaħħaħ l-argumenti tiegħek bl-eżempji.

*20 marka*

1. Ikteb dwar l-iżvilupp lessikali u grammatikali tal-Malti fid-dawl tal-istorja tiegħu.
2. "Illum il-vokabularju Malti qed jistagħna l-aktar permezz tal-kliem missellef." Qiegħed din l-istqarrija ta' Ġorġ Doublesin fil-kuntest tal-iżvilupp semantiku tal-kliem.
3. Iddiskuti l-morfemi, l-allomorfijiet, il-morfema żero, u l-affissi fil-Malti.

***aqleb***

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## TAQSIMA Ċ: KOMPONIMENT FUQ IL-LETTERATURA IL-POEŻIJA

Wieġeb mistoqsija **waħda** b'referenza għax-xogħlijiet tal-poeti tas-seklu għoxrin li studjajt.

*20 marka*

1. Fost it-temi li sikwit jitkabbru u jinbnew f'miti nazzjonali fil-poeżija Maltija, Oliver Friggieri jsemmi "l-qlubija taċ-ċittadini għalenija, l-eroiżmu tal-ftit li jmexxu lill-ħafna lejn ir-rebħa," u l-interpretazzjoni tal-"istorja politika bħala storja reliġjuża." Ikkummenta.

2. Il-poeti Maltin huma mnebbħin mill-qawwa li jaraw fil-pajsaġġ u fl-elementi tan-natura. Ikkummenta.

## TAQSIMA D: KOMPONIMENT FUQ IL-LETTERATURA IN-NARRATTIVA / ID-DRAMA

Wieġeb mistoqsija **waħda**. Importanti li ssaħħaħ l-argumenti tiegħek bl-eżempji.

*20 marka*

1. "Il-bidu tal-problema ta' Leli," skont Oliver Friggieri, "jinsab fit-tagħlim; il-problema titnissel mill-qari, li jwassal għall-inċertezza matura u li jeqred iċ-ċertezza injuranta." Ikkummenta dwar din l-istqarrija fuq ir-rumanz *Leli ta' Ħaż-Żgħir* ta' Ġużè Ellul Mercer.

2. Minbarra li joffri ritratt ta' realtajiet soċjali f'Malta, ir-rumanz *Leli ta' Ħaż-Żgħir* ta' Ġużè Ellul Mercer jirreferi għad-dinja ta' barra, bħal meta jsemmi l-emigrazzjoni u l-Gwerra l-Kbira, u jippreżenta karattri Maltin tal-Eġittu u tal-Alġerija li jgħixu f'Malta. Ikkummenta fuq kif ir-rumanz jirrappreżenta din ir-realtà barranija.

3. Ħin minnhom fid-dramm *Menz* ta' Francis Ebejer, tal-Luk/Taxi jikkummenta b'disprezz li qatt ma raw lil xi ħadd bħal Menz. "Aħna naħdmu sabiex inkabbru ċ-ċiviltà u għad baqa' bħal dan il-primittiv li erħilu jsabbtilna kollox ma' wiċċna." Iddiskuti.

4. Id-dramm minn qaddisu joħloq dinamika ta' konfront. Uri kif *Menz* ta' Francis Ebejer jesplora t-tensjonijiet differenti li jinħolqu bejn il-karattri.